MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Numru 718/2003

Il-Pulizija
(Spetturi Luise Calleja u Nadia Falzon)

vs

Alfred Schembri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 77059(m), akkuzat talli:

1. f’dawn il-Gzejjer, f’Birzebbugia u f’bnadi ohra, f’Awissu 2003 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jikisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda b’ghemil zieni
ikkorrompa lil bintu Maria Schembri;

2. ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minuri Maria Schembri;

Aktar talli:

3. fil-11 ta’ Lulju ghal habta tal-11.00 ta’ filghodu fi Triq il-Kus, Birzebbugia volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied u qal kliem oxen f’post pubbliku;

4. hedded u insulta bi kliem lil Antonella Mizzi u lil Charmaine Sant, psychology officers, fi hdan l-Agenzija Appogg;

Rat l-att tar-rinviju tal-Avukat Generali a folio 126 li bih dehrlu li mill-kumpilazzjoni setghet tinsab htija (jew htijiet) taht l-artikoli tal-ligi minnu hemm citati u ittrasmetta lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddecidi fuq il-htija jew htijiet tal-imputat fin-nuqqas ta’ oggezzjoni minn naha tieghu;

Semghet il-provi kollha li resqetil-prosekuzzjoni, ix-xhieda tal-imputat bil-gurament u x-xhieda mressqa minnu;

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema’ sommarjament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat;

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat taht il-Kap 9:
- bir-reat kontinwat ta’ korruzzjoni (fuq bintu) taht l-Artikolu 203; ta’ dak kontinwat ta’ attentat ghall-pudur bil-vjolenza (ditto) taht l-Artikolu 207; u bl-offizi kontravenzjonali taht l-Artikolu 338(dd), 339(1)(e) u 342.

Issa l-Artikolu 203 jesigi ghal esistenza tar-reat 'l-ghemil zieni' li 'jikkorrompi persuna ta' taht l-eta'. Ghalhekk jehtieg, l-ewwel u qabel kollox, li jigi identifikat dan l-ghemil zieni u jekk attwalment ikkorrompiex lill-minuri. L-allegazzjoni tal-minuri f'dan il-kuntest hi li missierha, l-imputat, kien imissa kemm fil-parti taghha ta' fuq u kemm t'isfel, dejjem minn fuq il-hwejjeg izda f'xi okkazjonijiet anka minn taht hwejjiga meta missa fil-parti ta' fuq. Allegat il-minuri li dawn l-affarjiet kienu jigru ta' spiss u gieli kienu ikunu presenti ommha jew huta. Ziedet li ma kienux idumu – 'just kien jigi imissni', u kompliet li, 'gieli kont niggiled mieghu…ma kontx inhallih, nimbuttah, nitkellem hazin mieghu u nurih li mhux qed niehu pjacir'. Fix-xhieda taghha semmiet okkazjoni fejn l-imputat kien dahal fuqha waqt li kienet qed tinhasel u li darba minnhom kien qabbad lil huta biex inhehhula l-hwejjeg minn fuqha. Dwar dawn l-ahhar zewg istanzi qalet li graw meta kellha xi tlettax il-sena. Semmiet li r-rejazzjoni ta' missierha meta kienet timbuttah u tirresisti kien li jsawwatha anka bic-cintorin. Qalet, meta mistoqsija kif kienet thossha d-dar, li kienet thossha skomda. Ta' minn jinnota li meta xehdet il-minuri (f'Ottubru 2004) hi kienet residenti fl-istitut 'Fejda' u spiegat li kienet ilha hemm minn Lulju tas-sena ta' qabel. Qalet li l-ewwel darba li irrikorriet ghand l-Agenzija Appogg kien f'April 2003 izda xi xaharejn wara kienet infurmat lil istess agenzija li kollox kien qaleb ghan-normal. Fi kliem testwali taghha qalet hekk: "ghall-ahhar ta' Mejju bidu ta' Gunju (2003)…cemplitli Charmaine (t-trainee psikologa fi hdan l-agenzija) biex tara kif jiena sejra…ghidtilha li sejjer kollox all right…gieli cemplitli fuq il-mobile u kienet qaltli, regghet saqsitni xi affarjiet u hekk…ghidtilha le, all right kollox. Imbaghad ergajna gejna meta ggieldu ommi u Noel, reggha sar rapport iehor".

Hawnhekk il-Qorti jidrilha li ghanha taghmel parentesi fis-sens li meta sar l-ewwel u s-sussegwenti rapport lill-agenzija, l-minuri kienet tiffrekwenta lil certu Noel Farrugia, li illum jghixu flimkien u ghandha tarbija minn tieghu, u li s-sussegwenti rapport kien sar, fi kliem il-minuri, meta ggieldu ommha u Noel proprju ftit jiem qabel ma kienu marru tal-agenzija akkompanjati mill-pulizija u

hadu lill-minuri maghhom. Interessanti hu li f'din il-glieda dan Noel kien aggredixxa lill-omm il-minuri minhabba li kienet ikkorregiet lill-bintha ghaliex kienet irritornat lura d-dar li kienu s-1.30 ta' filghodu u li in segwitu u bhala kastig giet preklusa mill-imputat li tohrog jew taghmel kuntatt ma' l-imsemmi Noel. Ta' min ifakkar li l-minuri hawnhekk kellha l-eta ta' appena sittax il-sena.

Illi, fuq domanda jekk dwar l-allegat abbuz il-minuri fethiex qalba ma xi hadd, hi qalet li xi ftit ma zijtha izda li ma Noel kienet qaltlu u kien jaf b'kollox. Dwar il-mama taghha x-xhud tghid li gieli qaltilha u ommha kienet iddur fuq l-imputat u tghidlu 'irhiela naqra bi kwieta, tifla ma thalliex bi kwieta" u lilha kienet tghidilha "Mar, dak missierek, mhux jiccajta ftit mieghek". Hi, il-minuri kienet tirribatti li dak mhux cajt. Il-minuri semmiet, u l-Qorti hawnhekk fehmet li kienet qed tirreferi ghal April 2003 meta sar l-ewwel kuntatt mal-agenzija, li dan il-kuntatt sar minn omm l-imsemmi Noel minhabba xi brixx li kellha il-minuri f'wicca li sostniet kienu gew lilha ikkagunati mill-imputat. Kien x'kien il-kaz, fl-ghar ipotesi u fuq kif xehdet l-minuri stess, jidher li ma kienux voluti minn naha tal-imputat; igifieri li f'kull kaz kienu involontarji, tenut wkoll kont tal-fatt li l-imputat kien hawnhekk gja menomat, u jidher permanentement, mill-uzu ta' idejh wahda, kif d'altronde kkonfermat l-istess minuri.

Intant, mix-xhieda tal-minuri (dak iz-zmien - billi illum qghalqet l-eta' maggjorenni u tghix ma dan Noel) jintrapella li kient l-aktar vicina ma' zitha Carmen Cunningham, li tfal ma kelliex, u li gieli raqdet ghandha. Lilha, qalet, li kienet tghidilha "Zi, mhux dan missieri, kemm idejjaqni" pero', dan apparti, ma kinitx tidhol f'izjed dettal dwar xi allegazzjonijiet ta' abbuz, kuntrarjament, skond l-istess minuri, lejn zijtha ohra, certa Maria Briffa, li lilha kienet accenatilha dwar it-'tokkamenti'. Issa ghal xi raguni din 'iz-zija' ma gietx prodotta bhala xhud mill-prosekuzzjoni diversament minn Carmen Cunningham. Fix-xhieda taghha din Cunningham ma kkoroborat xejn minn dak sostnut mill-minuri anzi l-lamenteli tal-minuri kienu pjutost diretti ghal fatt li l-genituri ma kienux

jippermettulha tohrog sat-tard. Ix-xhud ikkonfermat li l-minuri kienet baqghaet torqod ghandha jew ghand missierha, li kien joqghod bieb ma' bieb, sa kemm kellha hmistax il-sena. Fatt dan li kkonfermat certa Mary Rose Mifsud li spiegat li filwaqt li l-minuri qatt ma tkellmet maghha dwar xi abbuzi, tafha dejjem tidhaq u s-sajf kient tghaddih fil-maggjor parti tieghu ghand in-nannu matern taghha, cjoe missier l-imsemmija Cunningham.

Izda mhux biss ghaliex fil-kawza gie prodott jixhed l-imsemmi Noel Farrugia u xhieda tieghu hi istruttiva ghall-ahhar ghaliex fiha hu, li suppost kien jaf b'kollox kif qalet il-minuri, ma kkorroborax dak li sostniet il-minuri. Fil-fatt kull ma qal hu li hi kienet qaltlu li missierha kien jittantaha u jinkija bil-kliem u li darba huma u niezlin tarag kien missilha l-warrani. Mill-bqija, apparti li l-minuri semmietlu s-swat u li kienet imdejqa d-dar, ma qal xejn aktar. Zied jghid li fil-presenza tieghu qatt ma graw xi affarjiet li lilu hasbuh hazin.

Illi mill-assiem tal-provi l-Qorti teskludi sija li kien hemm swat jew li gew varkati l-limiti ta' dixxiplina li genitur jista jerercita fuq uliedu tenut kont tal-obbligu tat-tfal li jobdu lill-genituri tieghu f'dak kollu li hu permess mil-ligi. Huwa veru li l-imputat, fl-istqarrija tieghu, jghid li 'forsi missejtha minn gemba' u li rrimarkala li sdhra kien qed jikber. Anke hawnhekk pero' hemm ix-xhieda ta' zijtha Cunningham li kienet irrimarkat lill-minuri fuq kif kienet tilbes skullat. Mehud kollox in konsiderazzjoni din il-Qorti la tara li kien hemm 'attijiet ziena' ossija 'atti di libidine' u wisq anqas li l-minuri giet attwalment korrotta minn missierha, l-imputat. Lanqas ma tirrijavvisa fil-fattispecje tal-kaz l-estremi tal-Artikolu 207 tal-Kap 9 li jittratta l-attentat ghall-pudur bi vjolenza. Li baqa impress f'mohh din il-Qorti hu semmai l-fatt li l-kawza ma kellhiex tithalla teskala sal-punt li skalat.

Jinghad ukoll ghal kull bon fini li f'kawzi ta' dan it-tip hija x-xhieda tal-allegata vittma fuq li tirrakkonta f'hix kienu jikkonsistu l-atti, li hi rilevanti. Anzi mhux permess li jizdiedu ma dawn x'tkun jew setghet qalet il-vittma, jew

allegata tali, lil xi persuna ohra. Fi kliem iehor l-atti inkriminati jitqiesu li huma dawk deskritti mill-vittma.

Illi dwar l-akkuza li isemmi l-Artikolu 342 li tirreferi ghall-Artikolu 338(bb) il-kontravenzjoni ma tirrisulta bl-ebda mod, kif lanqas jirrisultaw il-kontravenzjoniet taht l-Artikolu 338(dd) u 339(1)(e). Fir-rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 533 l-ebda esperti ma gew nominati.

Inghad dan ghalhekk il-Qorti tiddecidi u tiddisponi mill-kawza billi mhux qed issib htija fl-imputat u kwindi tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------